MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 781/2014

**Sharon Tonna**

**vs**

**Joseph Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 28 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu l-attrici qed teccepixxi li:

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u sittin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€2,369.64c) rapprezentanti arretrati ta' drittijiet tal-licenzja SP149 ghas-swimming pool fil-fond '1', Bella Vista, Triq Orlando, Zabbar, Xghajra, ai termini tal-kapitolu 244 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-legislazzjoni sussidjarja 244.01, li l-attrici giet mitluba u interpellata li thallas lill-Awtorita' ta' Malta' dwar ir-Rizorsi permezz t'ittra ufficjali datata 14 ta' Frar,

2014, mibghuta ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dok ST1), minkejja li l-ammont m'huwiex imputabbli lil esponenti peress li l-imsemmija pool hija proprjeta' ta' parafernali tal-intimat, nonche' d-dar matrimonjali (vide Dok ST2).

Illi l-esponenti opponiet it-talba ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u konsegwentement hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bin-numru 201/2014CSH (vide Dok ST3).

Illi fil-prezenti, l-kontendenti ghaddejjin minn procedure ta' separazzjoni li ilhom pendent ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin. L-esponenti tippercepexxi manteniment pendente lite ta' biss mitt Ewro (€100) fix-xahar minghand l-intimat, u l-manteniment tat-tfal mhux dejjem jinghadda regolarment.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri attwalment pendent quddiem il-Qorti tal-Magistrati bin-numru 201/2014CSH, sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 07 ta' Jannar, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi l-ispartizzjoni bejn il-konjugi ta' debiti gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess konjugi ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal izda jispetta biss lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u biss meta tkun pendenti bejn il-konjugi kawza ta' separazzjoni jew talba ohra ghac-cessazzjoni u d-divizjoni tal-kommunjoni.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jigi eccepit illi ma huwiex gjuridikament apert lil debitur ta' xi obbligu lil terzi illi jitlob rimbors minghand id-debitur (sic) tieghu qabel ma jkun hallas huwa stess dan l-obbligu lill-istess terz.

3. Illi l-esponent waqaf joqghod fid-dar konjugali f'Novembru, 2004. Minn dak iz-zmien l-quddiem l-attrici okkupat u ghadha tokkupa d-dar konjugali u ghalhekk taghmel uzu esklussiv mill-istess pool; Inoltre, l-licenzja illi l-ispejjez akkumulati taghha huma l-meritu tal-kawza, hija mahruga lill-istess attrici. Il-fatt illi d-dar

tappartjeni parafernalment lill-esponent f'cirkostanzi fejn materjalment u kuntrattwalment, l-attrici hija d-debitrici.

4. Illi mis-sena 2004 sallum l-attrici – u uliedha llum maggorenni – baqghu jircievu regolarment manteniment minghand l-esponent, liema manteniment gie likwidat skont il-kalkoli maghmula mill-Qorti kompetenti fuq skorta ta' nformazzjoni moghti lilha mill-istess attrici, liema manteniment jkopri l-ispejjez kollha tal-istess attrici, kompriza hlasijiet tas-servizzi u l-utilitajiet stallati fid-dar konjugali.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra l-atti kollha;

Illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2015 il-partijiet qablu bejniethom illi fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hemm kawza ghall-separazzjoni bit-talbiet reciproci ta' manteniment likwidazzjoni u divizjoni t'assi tal-kommunjoni t'akkwisti li ilha pendenti mis-sena, 2004 u li hemm fis-sehh ordnijiet dwar il-manteniment.

Fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2015 id-difensuri tal-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni. Fit-trattazzjoni taghha l-Avukata tal-attrici insistiet li din il-kwistjoni hija money claim. Illi ma huwiex lanqas kontestat illi l-kwistjoni hija ghall-hlas ta' debitu fuq proprjeta` parafernali tal-konvenut li ma hiex lanqas kontestata li hi parafernali. Ghalhekk peress illi din hija l-proprjeta` tal-konvenut ghandu jhallas id-debitu hu. Saret referenza ghall-kawza **Cilia vs Cilia 17 t' Ottubru, 2014** fejn it-Tribunal in segwitu ghall-kuntratt ta` separazzjoni kellha l-gurisdizzjoni taqta` u tiddeciedi hlas ta` spejjez. Ghamlet referenza ghall-artikolu 3 (5) tal-Kap 380.

F'dan ir-rigward id-difensur tal-konvenut iddikjara illi l-kawza ta' **Cilia vs Cilia** u anke diversi kawzi ohra t-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar kellha l-kompetenza tisma l-kawza ghaliex wiehed mill-partijiet kellu jigbor somma ta' flus mill-parti

l-ohra in segwit ta’ kuntratt miftiehem ta’ seprazzjoni u/jew sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fejn fiz-zewg kawzi kien sar l-ispartazzjoni bejn il-konjugi u ghalhekk it-Tribunal ma dahalx fil-kwistjoni li ghaliha l-Qorti Civili Sezzjoni Familja kellha biss kompetenza. Illi aparti dan l-attrici ma hallsitx l-ammont ghalhekk hi lanqas biss hi l-kreditrici ta’ dan l-ammont.

Ikkunsidra s-segwenti:

Illi hareg illi hemm kawza ta’ separazzjoni pendenti quddiem il-Qorti Civil (Sezzjoni Familja) bejn il-partjiet tal-kawza odjerna. Hawhekk si tratta di talba ghall-hlas ta’ arretrati ta’ licenzja ghas-swimming pool li jidher li huwa proprjeta’ tal-konvenut pero` li l-attrici qed tghix gewwa l-proprjeta` flimkien mat-tfal taghhom.

Is-sub artikolu (2) u (5) tal-artikolu 3 tal-Kap. 380 jghidu:

Bla ħsara għas-sub artikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux iżjed minn tliet elef u erba’ mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06c):

Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta’ beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri tlett elef u erba’ mija u erbgħa u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€3,494.06c), u kawżi ta’ żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal.

Illi pero` dan ma jfissirx illi jekk xi haga ma taqax taht dawn is-sub artikoli t-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar bilfors ghandu jkollu gursidizzjoni. Dan it-Tribunal kif presjedut kellu diversi okkazzjonijet jaghti sentenzi fejn iddecieda illi m’ghandux kompetenza bhal per ezempju fil-kawzi ta’ kirjiet li ghadhom vigenti **PL John Privitera KI: 546127(M) fil-kwalita’ tieghu ta’ mandatarju specjali tal-assenti Carmelo sive Charles Ciantar, Violette mart Sam sive Saviour**

**Scicluna, Emily mart Donald Beaver u Mary mart Joseph vs Bennett, ilkoll ahwa Ciantar nominat bil-prokura generali tad-9 ta' Dicembru, 1968 vs Josephine Camilleri KI: 484335(M) (Qorti Appell 16 ta' Lulju, 2012)** u bhal per ezempju fejn il-ligi tistabilixxi l-arbitragg mandatarju (l-Att Dwar l-Arbitragg Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi min-naha l-ohra ukoll hemm diversi sentenzi fejn intalbu l-hlas ta' spejjez bejn persuni separati ghall-money claims. Pero` f'dawn il-kawzi jkun hemm kuntratt ta' separazzjoni vigenti jew sentenza ghas-separazzjoni tal-partjiet. It-Tribunal qatt m'ghandu jidhol fi kwistjonijiet ta' spartazzjoni u qsim bejn koppji mizewwgin u lanqas jiddeciedi min huwa responsabbli biex jhallas dejn bejn koppja li ghadha mizzewwga u qeghda fi process ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja. Dan ghandu jsir mill-Qorti tal-Familja li skont il-ligi ghandha l-gurisdizzjoni tistabilixxi min ghandu jhallas liema dejn u jekk dejn huwa parafernali o piz tal-kommunjoni tal-akkwisti. Zgur qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur li jaghti dan is-setgha lit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar ghaliex wiehed jista mbaghad jaqa' fl-assurdita` li persuna jista jispettezza kawza ta' separzzjoni kif iffettilu. F'dan il-kaz jidher ghad ma hemm ebda sentenza li tiddikjara il-koppja separata u jiddividi il-komunjoni t'akkwisti u anke l-affarijiet parafernali. Illi f'ittra esebita mill-attrici stess[1] tghid illi "*Is-Sinjura Tonna tixtieq li l-hlasijiet kollha pendenti u futuri fir-rigward tal-imsemmija licenzja jithallsu fl-ahhar tal-kawza kif fuq inghad meta jigi hekk iddeterminat min ser jigi assenjat il-fond imsemmi".*

Illi *di piu* jidher illi l-attrici qeghda tghix fil-proprjeta` u l-ammont mitlub huwa hlas ta' licenzja ta' swimming pool li ghadu ma thallasx mill-attrici stess u ghalhekk anke hawn it-Tribunal qed jigi mitlub jordna l-hlas t' ammont lill-attrici fejn hi stess ghandha ma hallsitx id-dejn u ghalhekk ma hijiex il-kreditrici tal-konvenut.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza u jiddikjara li m'ghandux kompetenza li jisma l-kawza.

[1] Dok ST2 a fol 9 tal-process

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------